MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1027/2002/1

**The General Soft Drinks Co Ltd**

**vs**

**Cheryle Ogilvie**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tlieta u hamsin (Lm172.53), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta kif jirrizulta mid-Dokument markat "1" anness mal-avviz; Bl-imghaxijiet mit-13 ta' Jannar, 2000 sad-data tal-pagement effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Thompson ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tleita u hamsin (Lm172.53), bl-imghax legali mit-13 ta' Jannar, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**